4 ta' Novembru, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re (*)

*versus*

Gużepp Cassar

**Provi — Ammissibilità — Art. 466 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Kwistjoni ta' ammissibilità ta' provi hija ta' ordni publiku, u l-Qorti tista' tissolleva d-dubju dwar l-ammissibilità tal-provi "ex officio", indipendentement mill-Prosekuzzjoni jew mill-partijiet. U għad-deċiżjoni tal-kwistjoni l-Qorti għandha dejjem tkun komposta minn tliet Imħallfin.*

*Għalhekk, meta l-Qorti tkun kostitwita minn Imħallef wieħed, u dan id-dubju jiġi promoss mill-istess Qorti jew jiġi allegat mill-partijiet, il-Qorti hekk kostitwita għandha tirriferixxi l-kwistjoni lill-istess Qorti komposta minn tliet Imħallfin.*

Il-Qorti, — Peress li fost id-dokumenti li fin-nota tiegħu jagħmel riferenza għalihom l-Attorney General hemm il-kopja legali tax-xhieda li ta Ganni sive Gamri Schembri, eżi-

(*) Ara deċiżjoni susseġwenti, "Rex vs. Gużepp Cassar", tal-11 ta' Novembru 1948 (publikata).

bita dina l-kopja mix-xhud Naudi fol. 74/75 tal-proċess, u markata bl-ittra "E";

Peress li dina x-xhieda kienet ġiet mogħtija minn dana Ganni sive Gamri Schembri (li l-lum jinsab rikoverat fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ) fi żmien meta hu kien ko-imputat ma' l-akkużat tal-lum fil-ġuri l-ieħor "Rex vs. Schembri u Cassar", 13. 3. 48. Barra minn hekk, dana Schembri ġie miġjub bħala ko-imputat anki f'dana l-proċess fis-sedi istruttorja, iżda mbagħad, stante l-istat mentali tiegħu, il-proċess kontra tiegħu ġie sospiż "sine die" u tkompla kontra l-akkużat Cassar biss;

Peress li minħabba f'dawn iċ-ċirkustanzi hemm lok għad-dubju jekk ix-xhieda ta' Ganni sive Gamri Schembri, kif inkorporata fil-kopja eżibita fuq imsemmija, hijiex jew le ammissibili — dubju li l-Qorti tista' tissolleva "ex officio", kif sar f'każijiet oħra li ġew quddiem dina l-Qorti — fuq il-motiv li, kif intqal fil-jury "Regina vs. Bajada" 4 ta' Settembru 1877, il-kwistjoni ta' l-ammissibilità tal-provi hi ta' ordni publiku, u ma tiddependix la mill-Prosekuzzjoni u lanqas mill-akkużat (ara każijiet li fihom il-Qorti ssollevat dubbji "ex officio", riportati fil-Kollezzjoni ta' l-Imħallef Dr. Cremona, pag. 398, 404, 412, 415, 479 u 486);

Peress illi, skond l-art. 466 Kap. 12, għad-deċiżjoni ta' kull kwistjoni ta' ammissibilità ta' provi l-Qorti għandha dejjem tkun komposta minn tliet Imħallfin. Kif irriteniet dina l-Qorti fil-kawża "Regina vs. N. Peter Hanson", 5 ta' Marzu 1861, l-artikolu allura numru 396, in segwitu numerat 454 u l-lum, fl-Edizzjoni Riveduta, numerat 466, japplika għad-dubbji li jinqalgħu dwar l-ammissibilità jew le ta' provi, sija jekk dawn id-dubbji jkunu promossi mill-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, sija jekk ikunu allegati mill-partijiet;

Għalhekk tirrimetti l-kwistjoni ta' l-ammissibilità jew le tal-kopja legali tax-xhieda ta' Ganni sive Gamri Schembri fuq imsemmija bħala prova f'dana l-proċess, għad-deċiżjoni ta' dina l-Qorti kostitwita minn tliet Imħallfin; u għalhekk tħalli l-kawża għal nhar il-Ħamis, 11 ta' Novembru 1948, fid-9 a.m., għat-trattazzjoni ta' din il-kwistjoni.

---